MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 628/2010

**Vodafone Malta Limited – C10865**

**vs**

**Mylene Brincat – ID-523985M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Mejju tas-sena 2010 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija disgha u erbghin ewro u tnejn u sittin centezmu (€549.62) rapprezentanti ammont li kien dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari fuq *mobile phone* bin-numru 79917203, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l- konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni..

Ra illi l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra pero` illi l-istess konvenuta pprezentat ruhha ghas-seduta tallum fejn iddikjarat illi l-ammont kien filfatt dovut, pero` tablet illi tinghata l-opportunita` li thallas lura l-istess permezz ta' pagamenti rateali.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq ammissjoni ta' l-istess konvenuta qieghed jilqa' it-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' hames mija disgha u erbghin ewro u tnejn u sittin centezmu (€549.62) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------